**3 ta' Diċembru, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

Dr. Alfred Mifsud

*versus*

Onorevoli Prim Ministru *et*

**Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem - Smigħ Xieraq - Rikuża**

*Ir-rikorrent allega li kienu ġew miksura d-dritt fondamentali tiegħu għall-smigħ xieraq meta l-Qorti ta' l-Appell kif allura kkostitwita kienet ċaħdet it-talba tiegħu għar-rikuża ta' tnejn mill-Imħallfin sedenti fuq dik il-Qorti. Fil-kors tal-proċeduri kostituzzjonali l-ġudikanti fil-każ tar-rikorrent kienu nbidlu minħabba raġunijiet kompletament indipendenti mir-rikuża, u meta l-każ ġie deċiż, il-ġudikanti oriġinarjament rikużati ma kinux fuq il-Qorti li tat is-sentenza. Għalhekk, il-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat li l-meritu tar-rikors kien eżawrit u ma kienx il-każ li hija tinoltra ruħha aktar fil-kwistjoni. Għar-rigward ta' spejjeż ordnat li dawn kellhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.*

Il-Qorti:-

Għandu jiġi qabel xejn riprodott ir-rikors promotur biex jiġu sewwa identifikati u ppreċiżati l-aggravji kostituzzjonali ta' l-

appellanti biex ikunu jistgħu jiġu kkunsidrati fid-dawl ta' l-iżviluppi proċedurali li seħħew wara li ġie introdott l-appell u li direttament jinfluwixxu fuq il-meritu tiegħu;

"Illi huwa istitwixxa proċeduri kostituzzjonali fl-istess ismijiet quddiem din l-Onorabbli Qorti (Rikors 397/92 FGC) illi fihom talab, fost ħwejjeġ oħra, illi dik l-Onorabbli Qorti tiddikjara s-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell tad-29 ta' Ġunju, 1989 (*recte* 29 ta' Mejju, 1991) fil-kawża **Rosario Magri *et* *vs* Dottor Alfred Mifsud** kienet lesiva tad-dritt fondamentali ta' l-esponent għal smigħ xieraq;

Illi s-sentenza impunjata kienet mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell komposta minn S.T. il-Prim Imħallef Profs. Giuseppe Mifsud Bonnici u l-Imħallef Dr. Carmel A. Agius u Mħallef ieħor;

Illi in segwitu għas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tat-30 ta' Ġunju, 1993, f'dik il-kawża, ġie interpost appell inċidentali mill-esponent biex il-Qorti Kostituzzjonali tiddikjara s-sentenza fuq imsemmija mogħtija mill-Onorevoli Prim Imħallef Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici, u l-Imħallef Carmel A. Agius kienet tikser id-drittijiet fondamentali ta' l-esponent;

Illi dan l-appell ġie għas-smigħ quddiem il-Qorti Kostituzzjonali komposta, fost oħrajn mill-Onorevoli Prim Imħallef Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici u l-Imħallef Carmel A. Agius;

Illi għal din ir-raġuni l-esponent formalment irrikuża dawk iż-żewġ ġudikanti milli jisimgħu u jiddeterminaw dak l-appell;

Illi bil-provvediment tat-3 ta' Ġunju, 1994, dawk iż-żewġ

ġudikanti ċaħdu l-eċċezzjonijiet tar-rikużazzjoni u ordnaw illi s-smigħ ta' l-appell ikompli quddiemhom fit-8 ta' Ġunju, 1994;

Illi huwa inkonċepibbli li jkunu l-istess ġudikanti, l-Prim Imħallef Profs. Giusepe Mifsud Bonnici u l-Imħallef Dr. Carmel A. Agius, illi jiddeterminaw jekk l-aġir tal-Prim Imħallef Profs. Giuseppe Mifsud Bonnici u l-Imħallef Carmel A. Agius kienx jivvjola d-drittijiet fondamentali ta' l-esponent;

Illi huwa ugwalment inkonċepibbli li l-esponent għandu jidher u jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu lill-istess Imħallef illi huwa qiegħed jixli li vvjola d-drittijiet fondamentali tiegħu;

Illi barra minn hekk, l-esponent, li martu ġiet involuta f'litigazzjoni kontroversjali ma' l-Onor. Prim Imħallef personalment fuq materji ta' testment u eredita', stenna li l-istess ġudikant jastjeni spontanjament milli jieħu konjizzjoni minn dak l-appell;

Illi ċ-ċaħda ta' l-eċċezzjoni tar-rikużazzjoni li fil-prattika tfisser illi l-Imħallfin ser ikunu l-Imħallfin tagħhom stess, tivvjola l-prinċipju fondamentali tas-smigħ xieraq protett mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Premess dan kollu, l-esponent talab illi dik l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti kull provvediment xieraq biex tassikura t-twettiq tad-disposizzjonijiet fuq imsemmija fil-konfront tiegħ, fosthom illi tiddikjara li ċ-ċaħda ta' l-eċċezzjoni ta' rikużazzjoni magħmula miż-żewġ ġudikanti fuq imsemmija fit-3 ta' Ġunju, 1994 tikser id-dritt fondamentali tas-smigħ xieraq ta' l-esponent u li tordna li l-appell kostituzzjonali fuq imsemmi jinstema' minn Qorti li fiha l-

imsemmija żewġ ġudikanti ma jifformawx parti, bl-ispejjeż";

B'sentenza tas-6 ta' Ottubru, 1994, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali, ċaħdet it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu. Minn din is-sentenza ir-rikorrent appella;

Utili li qabel teżamina l-aggravji ta' l-appellant, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet tas-sentenza appellata, din il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet li jolqtu l-meritu u li fil-verita' jwassluha biex ma tinoltrax ruħha f'eżami tal-motivazzjoni tas-sentenza appellata;

It-talba tar-rikorrent hi mmirata biex jiġi assigurat li hu jkollu smigħ xieraq fil-proċeduri kostituzzjonali pendenti quddiem din il-Qorti fl-istess ismijiet fir-rikors li jġib in-numru 397/92 FGC. Qed jitlob infatti dikjarazzjoni f'dawn il-proċeduri illi l-fatt li f'dawk il-proċeduri l-Imħallfin ma laqgħux l-eċċezzjonijiet ta' rikuża tiegħu kien jammonta għal vjolazzjoni tad-dritt fondamentali tiegħu għal smigħ xieraq sanċit bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Din id-dikjarazzjoni kellha twassal għal rimedju illi f'dawk il-proċeduri jiġi assigurat illi l-meritu ma jinstemax mill-Onorevoli Prim Imħallef Giuseppe Mifsud Bonnici u mill-Onorevoli Carmel A. Agius li kienu ġew formalment rikużati u li kienu rrifjutaw tali eċċezzjoni;

Issa jirriżulta bħala fatt, illi l-proċeduri quddiem din il-Qorti promossi bir-rikors numru 397/92 ġew ittrattati u finalment konkjużi minnha b'sentenza tal-15 ta' Marzu, 1996 u dana meta l-Qorti kienet, għal raġunijiet għal kollox indipendenti mill-preżenti istanza, komposta minn President u żewġ Imħallfin li ma kinux dawk

irrikużati mill-appellanti. Indubbjament allura l-meritu tal-preżenti rikors in kwantu kien immirat biex jassigura li t-theddida tal-vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq ma tavverax ruħha u tali dritt ma jiġix leż ġie definittivament eżawrit għax ġie sorpassat bl-eventi li bħala fatt assiguraw illi r-rikorrenti ma kellux raġuni għaliex jilmenta mill-komposizzjoni tal-Qorti li eventwalment iddeċidiet il-vertenza;

Sewwa jingħad illi n-natura tal-preżenti rikors kostituzzjonali ma kinitx waħda mmirata biex il-Qorti tipprovdi rimedju għal-leżjoni *ta' dritt fondamentali* li r-rikorrent kien diġa` attwalment sofra u li allura kien jispetta lil din il-Qorti li tipprovdi jew rimedju xieraq billi tali vjolazzjoni tiġi rettifikata jew tagħti kumpens xieraq jew it-tnejn. Kien rikors immirat biex il-Qorti tipprevjeni għat-theddia tad-dritt fondamntali tar-rikorrent u allura r-rimedju neċessarjament kellu f'każ li tali theddida tirriżulta posittivament ikun indirizzat biex jassigura li tali leżjoni ma tavverax ruħha. Dan għaliex it-twettiq ta' disposizzjonijiet protettivi kien jestendi ukoll għall-allegazzjoni li d-dritt fondamentali protett mill-Kostituzjoni kien ser jiġi vvjolat. Fi kliem testwali tal-Kostituzzjoni fis-subinċiż 1 ta' l-artikolu 46 "li tkun qed jiġi jew x'aktarx ikun ser jiġi miksur". F'dawn il-każijiet it-twettiq ta' dawk id-disposizzjonijiet jiġi assigurat b'ordnijiet jew direttivi maħsuba biex jassiguraw li tali leżjoni ma tavverax ruħha. Din il-figura ta' *potential victim* hi ukoll prospettata fil-ġurisprudenza tal-Kummissjoni u tal-Qorti Ewropeja li tinterpreta l-konċett tal-vittma fl-artikolu 25 tal-Konvenzjoni u l-grad ta' interess ġuridiku li dan jeħtieġlu jkollu biex ikun jista' jaġixxi. Fil-każ taħt eżami, l-allegata theddida għad-dritt fondamentali ta' smigħ xieraq tar-rikorrent ġiet f'kull każ u indubbjament evitata mingħajr il-ħtieġa ta' tali ordnijiet jew direttivi minn din il-Qorti u għal raġunijiet indipendenti mill-volonta` tal-

kontendenti jew tal-persuni involuti fil-meritu - f'dan il-każ ġudikanti - u anzi għal kollox estranji għalihom;

Eżawrit il-meritu, jibqa' biss x'jiġi deċiż, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan *il-każ, il-kap ta' l-ispejjeż.* Dan fis-sustanza. Għaliex fit-teorija s-sentenza appellata ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent, wara li ddikjarat li l-fatt li l-Qorti Kostituzzjonali kienet irriġġettat l-eċċezzjonijiet ta' rikuża ma kienx jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt fondamentali tar-rikorrent għal smigħ xieraq. Dikjarazzjoni li biha r-rikorrent ħass ruħu aggravat tant li minnha ppropona l-preżenti appell. Din il-Qorti hi pero' tal-fehma li fejn il-proċeduri kostituzzjonali jkunu tax-xorta preventiva biex jilqgħu kontra t-theddida tal-vjolazzjoni tad-dritt fondamentali u fejn dik it-theddida tiġi definittivament evitata - tkun xi tkun ir-raġuni - mhux il-każ li din il-Qorti tinoltra ruħha f'eżerċizzju purament akkademiku biex tiddetermina jekk aġir jew ċirkostanza setgħux jew le kienu leżivi tad-dritt fondamentali li kieku dawn avveraw ruħhom. L-essenzjali hu li d-dritt fondamentali ta' l-indivdwu ikun ġie salvat. Naturalment sakemm dan l-istess individwu ma jkunx sofra xi danni reali u attwali bħala konsegwenza ta' tali theddida ta' vjolazzjoni tad-dritt fondamentali tiegħu. Danni li fil-każ taħt eżami la jirriżultaw u lanqas huma indikati;

Il-Qorti tinnota ukoll illi f'materja ta' twettiq tad-disposizzjonijiet protettivi hi għandha latitudini wiesa' ta' kif tikkonduċi l-proċeduri biex tassigura rimedju xieraq u adegwat kontra l-vjolazzjoni tad-dritt fondamentali jew it-theddida ta' tali vjolazzjoni. Kif għandha ukoll latitudini mill-aktar wiesa' meta tiġi biex tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa biex id-dritt fondamentali jitwettaq jekk il-vjolazzjoni jew it-theddida tagħha tkun tirriżulta. F'materja ta'

ħarsien ta' drittijiet fondamentali, il-Qorti għandha allura tkun immotivata lejn il-finalita' ta' l-applikazzjoni u r-rimedju indikat bla ma tħossha marbuta bir-regoli stretti ta' proċedura li jirregolaw proċedimenti ċivili kontenzjużi oħra. Ħafna hu mħolli fl-arbitriju diskrezzjonali tal-Qorti li hi tenuta taġixxi b'ċelerita' biex tassigura l-ħarsien tad-drittijiet fondamentali. Raġġunt dak il-għan, il-Qorti hi fil-liberta' li tiddisponi minn materji oħra inċidentali mhux deċiżi anke bl-applikazzjoni ta' kriterji ta' ekwita'. Dan japplika b'mod partikolari ukoll għall-kap ta' l-ispejjeż;

Għal dawn il-motivi il-Qorti *tiddisponi* minn dan l-appell billi tiddikjara li l-meritu tar-rikors promotur ġie, fil-mori tiegħu, definittivament eżawrit u konsegwentement ma tirriżultax il-ħtieġa li t-talba ta' l-appellanti tiġi finalment determinata minn din il-Qorti. Konsegwentement is-sentenza appellata tirriżulta li hija għal kollox ineffikaċi u inesegwibbli billi l-proċeduri ġudizzjarji li għaliha hi tirreferi ġew, fil-mori ta' dan l-appell, definittivament konkjużi quddiem Qorti li ma kinitx tinkludi l-ġudikanti li tagħhom ir-rikorrent kien qed jitlob ir-rikuża. Fir-rigward tal-kap ta' l-ispejjeż din il-Qorti tiddegreta li mill-atti proċesswali hu ġust li dawn jibqgħu bla taxxa kemm fir-rigward ta' l-ispejjeż tal-prim'istanza kif ukoll fl-istadju ta' dan l-appell u f'dan is-sens u sa hawn biss qed tirriforma s-sentenza appellata. Dan għaliex il-meritu kien jinvolvi konsiderazzjonijiet ta' punti ta' dritt kostituzzjonali ta' ċerta rilevanza u novita'.